**22 ta' Frar, 1963**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Onor. Dr. Anton Buttigieg, M.L.A.

*versus*

Onor. Dr. Paul Borg Olivier et ne.

**Sentenza — Dispożittiv u Motivazzjoni — Nullità — "Human Rights" — Libertà ta' Kuxjenza — Liberta ta' Espressjoni — Art. 217, 792(c) u 793 tal-Kap. 15 — Art. 13, 14 u 16 tal-Kostituzzjoni tal-1961.**

*Kull dikjarazzjoni li l-Qorti trid li tkun deċiżiva jew obligatorja għandha tiġi mdaħħla fid-dispożittiv tas-sentenza.*

*F'każ fejn l-attur jitlob "redress" taħt il-Kostituzzjoni tal-1961 għax jallega li ġew miksura d-drittijiet tiegħu ta' libertà ta' kuxjenza u libertà ta' espressjoni permezz ta' ċirkulari maħruġa mill-Gvern, l-azzjoni hi bażata fuq l-allegata vjolazzjoni ta' drittijiet fuq imsemmija; u għalhekk, sabiex jista' jiġi ordnat ir-"redress" b'forma jew b'oħra, hu għal kollox indispensabbli li mill-Qorti tiġi konstatata u dikjarata, mhux illegalità kwalunkwe ta' dik iċ-ċirkulari, imma vjolazzjoni ta' xi wieħed mid-drittijiet tutelati, u li jiġi dikjarat liema minn dawk id-drittijiet ġie ossija ġew vjolati; altrimenti, jekk jiġi provvdut xi rimedju ("redress"), dan ikun mingħajr il-bażi "sine qua non" tad-deklaratorja tal-vjolazzjoni msem-*

*mija. B'mod illi, jekk fid-dispożittiv tas-sentenza l-Qorti ma tkunx iddikjarat li ġie vjolat wieħed minn dawk id-drittijiet jew li ġew vjolati t-tnejn, imma tkun iddikjarat xi ħaġa oħra, jew li dik iċ-ċirkulari hija illegali u bla effett, is-sentenza tkun nieqsa minn rekwiżit meħtieġ skond il-liġi, billi dak in-nuqqas jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-forma stabbilita mill-liġi.*

*Hu veru illi d-dispożittiv jista' jiġi kjarit bil-motivazzjoni, jew almenu b'dik il-parti tagħha li hija nxindibbilment marbuta mad-dispożittiv; imma jekk il-bażi tas-sentenza ġiet imqegħdha filli ċ-ċirkulari hi illegali, il-motivazzjoni mhix tali li tista' titqies li testendi b'xi mod il-portata tad-dispożittiv, u dan jibqa' fit-termini li fihom hu konċepit. Għax deklaratorja ta' illegalità, "sic et simpliciter", mhix deklaratorja ta' vjolazzjoni ta' "human right", billi ċirkulari simili tista' tkun illegali għal diversi raġunijiet oħra minghajr ma jkun hemm tabilfors in-negazzjoni ta' xi "freedom of the individual"; u f'materja hekk delikata ma tista' qatt tkun meqjusa biżżejjed il-kwalifika vaga u ġenerika ta' "illegal", imma jeħtieġ jingħad li kien hemm vjolazzjoni ta' "human right", u li jiġi speċifikat il-"human right" vjolat.*

*B'dan in-nuqqas is-sentenza, jekk tikkaġuna lill-parti li tkun qegħdha tallegah preġudizzju tali li ma jistgħax jiġi rimedjat ħlief bl-annullament tas-sentenza, iwassal għal dik innullità; u f'każ simili dak il-preġudizzju jeżisti. U lanqas ma hu l-każ li tiġi attiża eċċezzjoni fis-sens li s-sentenza ma għandhiex tiġi annullata jekk tinsab li hija sostanzjalment ġusta, għax f'każ simili s-sentenza tabilfors mhix ġusta.*

Il-Qorti:— Rat ir-rikors preżentat mill-Onorevoli Dottor Butigieg, li bih, wara li espona illi l-konvenuti kienu ħarġu ordni per mezz ta' ċirkulari, skond kopja eżibita, li bih ipprojbew, fost ħwejjeġ oħra, id-dħul fl-isptarijiet u fittaqsimiet tad-Dipartiment tagħhom, ta' gazzetti li huma kundannati mill-Awtorità Ekklezjastika; u li dan l-ordni huwa ntiż biex jipprojbixxi lill-pazjenti u t-tobba fl-isptarijiet, u lill-impjegati kollha tad-Dipartiment tas-Saħħa, milli jdaħħlu magħhom u jaqraw, waqt li jkunu fl-istess postijiet, il-ġurnali tal-Oppożizzjoni Uffiċjali fl-Assemblea Leġislattiva, fosthom il-"Voice of Malta", li tagħha l-attur hu editur, barra milli huwa membru tal-istess Oppożizzjoni, u li kienet ġiet kundannata b'ċirkulari maħruġa mil-Kurja

Arċiveskovili fis-26 ta' Mejju 1961; u wara li espona wkoll li l-imsemmi ordni, in kwantu li jolqot il-"Voice of Malta", huwa ksur tal-art. 13 u 14 tal-"Malta (Constitution) Order-in-Council, 1961", li jirrigwardaw il-libertà ta' kuxjenza u l-libertà ta' espressjoni, billi hu, bħala membru tal-Assemblea Leġislattiva, u bħala editur tal-"Voice of Malta", għal raġunijiet reliġjużi, jinsab impedut mill-konvenuti li jagħti idejiet u tagħrif mingħajr indħil lill-pazjenti fl-isptarijiet, fost nies oħra, fil-waqt li dawn huma mpeduti li jirċievu idejiet u tagħrif mingħajr indħil; talab li l-Qorti, skond id-dispożizzjonijiet tal-art. 16(1) u (2) tal-Order-in-Council imsemmi, tagħtieh ir-rimedju opportun, billi tagħti dawk l-ordnijiet, toħroġ it-taħrikiet, u tagħti dawk id-direttivi li tqies xieraq sabiex twettaq u tiżgura it-twettieq tad-drittijiet tiegħu tal-libertà ta' kuxjenza u tal-libertà ta' espressjoni li ġew miksura biċ-ċirkulari msemmija;

Rat ir-risposta tal-intimati fil-kwalità tagħhom preċitata, fejn qalu li din iċ-ċirkulari ma għandhiex forza ta' liġi, mhix intiża għall-pazjenti, u mhix ħlief direttiva rigwardanti ċerti rapporti bejn min jaħdem u min iħaddem, limitatament għall-ħinijiet u postijiet tax-xogħol, fejn l-istess intimati għandhom id-dritt li jagħtu lill-impjegati dawk l-istruzzjonijiet li jidhrilhom opportuni fid-diskrezzjoni tagħhom, u għalhekk ir-rikorrent ma hux qiegħed jiġi mfixkel fid-dgawdija tal-libertà tiegħu ta' espressjoni, billi għadu liberu li jippublika u jiċċirkola l-idejiet kollha li jħoss u jidhirlu li għandu hekk jippublika u jiċċirkola, bl-istess mod kif baqgħu liberi t-tobba u l-impjegati msemmijin fir-rikors;

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fiż-17 ta' Lulju 1962, li biha ġie deċiż hekk:— "Il-Qorti tipprovdi fuq it-talba tar-rikorrent billi tiddikjara li dik il-parti taċ-ċirkulari li tipprojbixxi d-dħul tal-gazzetti kundannati mill-Awtorità Ekkleżjastika fil-postijiet hemm indikati hija illegali, u kwindi ta' ebda effett, u tordna lill-intimati nomine, jew xi wieħed minnhom, iġib dan il-fatt għall-konjizzjoni tan-nies lil min kienet diretta l-istess ċirkulari per mezz ta' ċirkulari ġdida (li kopja tagħha għandha tiġi preżentata wara l-atti tal-proċedura preżenti); u dan fi żmien jumejn mil-lum; u tirriżerva li tagħti provvedimenti ulterjuri fil-każ li dan ma jsirx. L-ispejjeż jitħallsu mill-intimati nomine";

Dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi, kif rilevat miż-żewġ partijiet, sija fil-proċeduri skritti kemm waqt id-dibattitu orali, il-Qorti qegħdha tiġi mitlubha għall-ewwel darba biex tippronunzja ruħha fuq meritu li jirrigwarda l-funzjoni, rikonoxxuta lit-tribunali ordinarji ta' dawn il-Gżejjer bl-Ordni fil-Kunsill tal-1961 dwar il-Kostituzzjoni għall-Malta, li tissindaka l-operat tal-poteri l-oħra, leġislattiv u eżekuttiv, jew amministrattiv, fil-kontenut tiegħu stess. Naturalment, il-pożizzjoni tal-kontendenti hija differenti, billi r-rikorrent jgħid li dan hu każ li għandu jiġi hekk sindakat mill-Qorti, mentri, bħala preġudizzjali, l-intimati nomine jissottomettu li l-att in kwistjoni, i.e. iċ-ċirkulari riferita iżjed il-fuq, hija tali fin-natura tagħha li ma taqgħax fl-isfera ta' dawk l-atti li jistgħu jiġu hekk kontrollati mill-poter ġudizzjarju;

Illi, qabel ma tgħaddi biex teżamina din il-kwistjoni u l-meritu kollu nvolut fl-istess, il-Qorti tħoss li għandha ssemmi li hija konxja tar-responsabbiltà tagħha f'dan il-kamp ġdid tal-funzjoni tagħha, u li kien għalhekk, in vista tal-interess pubbliku konness mal-meritu "ut sic", li hija "ex officio" ma qajmetx diffikultajiet rigwardanti l-proċedura wżata. L-intimati nomine stess ma tawx ebda eċċezzjoni fir-rigward, animati huma stess, evidentement, mir-raġuni li nduċiet lill-Qorti timxi l-quddiem għat-trattazzjoni tal-meritu. Jista' wkoll jingħad li għal kawża bħal preżenti għad jista' jkun hemm regolamenti appożiti dwar il-proċedura (ara art. 16(7) tal-Kostituzzjoni stess). F'kull każ, però, dik segwita l-lum, apparti kull konsiderazzjoni oħra, toffri wkoll il-possibbiltà kollha ta' dibattitu formali, fejn il-partijiet jistgħu jressqu l-provi kollha u jġibu l-quddiem ir-raġunijiet tagħhom kollha; b'mod li sostanzjalment, u ċjoè, għal dak li hu l-iżjed importanti, ir-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja, ebda preġudizzju ma jista' jidderiva mħabba li ġiet segwita f'dan ir-rigward. Fil-fatt il-partijiet għamlu dan; u l-Qorti tħoss li hu xieraq li tesprimi l-apprezzament tagħha għax-xogħol diliġenti tad-difensuri fl-istudju tal-kwistjonijiet involuti fil-komplessità kollha tagħhom, kif juru n-noti ta' osservazzjonijiet preżentati, partikolarment dik għan-nom tal-intimati nomine;

Ikkunsidrat;

Illi hu mportanti f'dan l-istadju li jiġu fissati t-termini tal-kwistjoni *prinċipali*, billi tiġi eżaminata ċ-ċirkulari li għaliha oġġezzjona r-rikorrent. F'dan l-eżami jrid jiġi l-ewwel determinat lil min hija diretta, billi min dan tiddependi wkoll in-natura tagħha, fis-sens jekk hijiex xi ħaġa *purament interna tad-dipartiment konċernat* jew hija iżjed estiża. Dan, naturalment, bla preġudizzju tal-fatt jekk, indipendentement minn din l-estensjoni u direzzjoni, iċ-ċirkulari tolqotx ukoll ir-rikorrent bħala editur tal-gazzetta ċitata, billi hu ma jidħolx fl-ebda kategorija ta' nies li jsemmi fir-rikors tiegħu stess;

Illi l-intimati nomine, fl-ewwel seduta li nstemgħa r-rikors, *iddikjaraw* permezz tad-difensuri tagħhom (fol. 13) li ċ-ċirkulari kienet intiża biss għall-impjegati fid-Dipartiment tas-Saħħa, u hekk għandha tiftiehem; mentri li r-rikorrent, li kkonduċa d-difiża tiegħu stess, iddikjara li ma tiftiehemx hekk, apparti x'setgħet kienet l-intenzjoni tal-intimati nomine;

Illi, *in vista* tad-dikjarazzjoni tal-intimati stess, fuq riportata, il-Qorti ma tara ebda raġuni biex tqies iċ-ċirkulari bħala li testendi għal nies iżjed minn dawk imsemmija fl-istess dikjarazzjoni għall-finijiet tal-meritu tal-proċedura preżenti. Fl-istess ħin, però, ma jkunx inutili tesprimi l-idea tagħha fis-sens li ċ-ċirkulari fil-fatt tidher li kienet ntiża għall-impjegati biss tad-dipartiment, moqrija din iċ-ċirkulari fiha nnfisha u flimkien, u kwindi fl-istess kontest, maċ-ċirkulari preċedenti tat-22 ta' Awissu 1955, li ġiet riprodotta fil-parti t'isfel tal-folja taċ-ċirkulari stess "for ease of reference", għalkemm fil-kopja taċ-ċirkulari fol. 5 (mir-rikorrent), u fol. 8 (mill-intimati), il-kelma fuq sottolineata, "ease", tidher bħala "case";

Infatti, ebda dubju ma jista' jkun hemm li ċ-ċirkulari preċedenti (tal-1955) kienet tirriferixxi biss lill-impjegati tal-Gvern, għalkemm fid-dipartimenti kollha, tant li kienet diretta mill-Prim Ministru lil-Ministri kollha. Issa, fiċ-ċirkulari in kwistjoni, fl-ewwel paragrafu nġibdet l-attenzjoni tal-impjegati għaċ-ċirkulari preċedenti, u mbgħad, fit-tieni paragrafu, ingħataw l-istruzzjonijiet jew direttivi ġodda, fosthom dawk li għalihom qiegħed joġġezzjona r-rikorrent; u fl-aħħar, fit-tielet paragrafu, l-uffiċjali li lilhom kienet diretta ċ-ċirkulari ġew avżati biex jaraw li dak li ngħad

f'dik preċedenti u fit-tieni paragrafu jkun "strictly observed by all the employees of the Department". Ebda dubju, għalhekk, ma jidher dwar in-nies lil min id-direttivi kontenuti fit-tieni paragrafu kienu fil-fatt diretti, fis-sens li dawn kienu l-istess lil min setgħet tapplika ċ-ċirkulari preċedenti, u ċjoè biss lill-impjegati (A, fol. 91);

Fin-nota tiegħu, ir-rikorrent isemmi li l-impjegati kellhom l-ordni li jaraw li d-direttiva kellha tiġi osservata minnhom; u ladarba l-purtinara huma mpjegati, allura dawn kienu tenuti jaraw li l-gazzetti ma jidħlux fl-isptarijiet. Dan mhux għal kollox eżatt; billi ċ-ċirkulari ma kienetx diretta lill-impjegati kollha, iżda lill-uffiċjali superjuri biss, u dawn l-uffiċjali superjuri kellhom jaraw li l-impjegati kollha ta' taħthom joqgħodu għad-direttiva. Però, dawn l-impjegati kollha ma jingħadx fiċ-ċirkulari li kellhom huma stess jaraw li d-direttivi jiġu mħarsa minn xi ħadd ieħor (e.g. pazjent jew viżitaturi) ukoll. Veru li, kif jgħid ir-rikorrent (ibidem), ma hemmx indikazzjoni tal-impjegati dwar il-projbizzjoni tad-dħul tal-gazzetti fit-tieni paragrafu taċ-ċirkulari, u din hi konċepita f'termini assoluti; però, hu normali li ċ-ċirkularijiet japplikaw biss għall-impjegati, b'mod li għandhom jifthemu diretti biss lilhom, kemm il-darba ma jsemmux ċar u tond li japplikaw għal xi ħadd ieħor ukoll, li jrid jissemma fiċ-ċirkulari stess. Fil-każ in eżami, dan ma ssemmiex; anzi, kif ingħad, fit-tielet paragrafu, li jikkontjeni d-direttiva lill-uffiċjali superjuri, hemm imsemmijin biss l-impjegati tad-Dipartiment;

Illi l-Qorti ma tarax validi s-sottomissjonijiet l-oħra tar-rikorrent f'dan ir-rigward, u ċjoè dak li qal li qiegħed isir kontra l-Partit li għalieh hu jappartjeni, u anzi tiegħu hu l-president, u ċ-ċirkulari li kienet ħarġet mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni. Fuq l-ewwel sottomissjoni, infatti, il-Qorti tosserva li hija ma tistgħax toqgħod fuq sempliċi allegazzjoni ta' fatt f'nota ta' osservazzjonijiet, u anzi tħoss li għandha tieħu opportunità minn ċirkustanza simili biex tgħid li kemm jista' jkun wieħed għandu joqgħod attent li ma jagħmelx sottomissjonijiet simili, billi mhumiex prova, u kwindi ma jistgħu jagħmlu ebda ġid għall-kawża, mentri li jistgħu jagħmlu deni minn band'oħra. Fuq it-tieni sottomissjoni, mbgħad, il-Qorti ma tistgħax tara analoġija bejn iċ-ċirkulari in kwistjoni u dik li r-rikorrent ippreċiża iżjed fin-nota tiegħu (fol. 91 isfel), billi rriproduċa l-Press Re-

lease relattiv; infatti, din l-aħħar ċirkulari tidher li kienet intiża għal dak li għandu jsir mit-tfal li jattendu l-iskejjel governattivi, li tagħhom il-Gvern qiegħed jikkura, kif hu fid-dover, l-edukazzjoni; u ċertament l-atteġġjament tal-Gvern f'din il-materja (meta għadu qiegħed jifforma l-karattru tal-bniedem, u f'din il-formazzjoni l-Gvern għandu d-dritt li jagħti direttivi konformi), jista', u anzi għandu, ikun differenti minn dak fil-materja fil-kwistjoni, meta qiegħed jiddiriġi ruħu lejn nies formati, ta' min, għalhekk, irid jirrispetta l-opinjoni f'dak li hu kuxjenza;

F'dan il-kontest, ladarba ssemma, u anki l-partijiet semmewh, għalkemm taħt aspetti daqsxejn differenti, u hemm ċerta attinenza u mportanza għall-każ preżenti, il-Qorti tħoss li hu utili tgħid li fil-Kostituzzjoni l-ġdida ma hemm xejn li jgħid (kif jingħad f'xi kostituzzjonijiet ta' pajjiżi oħrajn) li ma jistgħax ikun hemm Reliġjon Nazzjonali; u ladarba din fil-fatt teżisti bis-saħħa tal-Att I tal-1922 (Kap. 79), ebda innovazzjoni ma ġiet apportata f'din il-materja in forza tal-Kostituzzjoni tal-1961, u kwindi hu konsonu mal-liġi tal-pajjiż kull provvediment dwar l-edukazzjoni mpartita fl-iskejjel tal-Gvern li jtendi biex jgħallem u jżomm din ir-reliġjon; liema skop jidher li ispira l-provvediment ġa riferit maħruġ mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni. Kull ma tgħid il-Kostituzzjoni dwar reliġjon qiegħed fl-art. 13, li jgħid li kullħadd għandu libertà sħieħa ta' kuxjenza u l-eżerċizzju liberu tar-reliġjon tiegħu, u din ma għandhiex tkun ta' xkiel għalieh għal xi kariga. Dan ir-rispett lejn l-individwu bħala tali, però, li jġib dan id-dritt fondamentali fl-istess individwu, huwa konċiljabbli ma' reliġjon nazzjonali, u anzi, f'ċerti każi, kważi jippostulaha; ċertament iżjed jispikka fejn din teżisti;

Ikkunsidrat;

Illi, stabbilita l-estensjoni taċ-ċirkulari fis-sens premess, u ċjoè li tapplika biss għall-impjegati tal-Gvern, hemm lok li jiġi eżaminat jekk ir-rikorrent għandux interess li jmur kontra tagħha; liema nuqqas ta' nteress qiegħed fil-fatt jiġi eċċepit mill-intimati nomine, meta jgħidu li d-dritt tar-rikorrent jasal biss sal-libertà li jistampa u jiċċirkola gazzetti tiegħu; liema libertajiet fil-fatt jeżistu, skond l-istess intimati nomine, għaliex ir-rikorrent mhux imfixkel li jistampa u jbiegħ lil min hu dispost jixtri, mentri

li r-restrizzjoni mposta biċ-ċirkulari lill-impjegati governattivi li ma jistgħux idaħħlu, u kwindi jaqraw, il-gazzetta fil-post jew ħin tax-xogħol, hija ħaġa li ma tnaqqasx din il-libertà, u anzi hija ħaġa wkoll li fuqha l-Qorti ma tistgħax tindaħal, għaliex si tratta ta' ħaġa dipartimentali u nterna, li lanqas ma hi liġi;

Illi hu xieraq jiġi hawn notat li l-azzjoni preżenti hija promossa mir-rikorrent, u mhux minn xi persuna li lilha hija diretta ċ-ċirkulari in kwistjoni, mentri li l-azzjoni li hu qiegħed jeżerċita (dik, ċjoè, kontemplata mill-art. 16 tal-Kostituzzjoni) mhix popolari, iżda tispetta lill-persuna biss li tħossha aggravata bil-miżura li tkun ittieħdet; il-konsegwenza hi li r-rikorrent ma jistgħax jagħmel tiegħu u jġib il-quddiem ir-raġunijiet li verament jispettaw lill-impjegati milquta biċ-ċirkulari stess; hu jista' jaġixxi biss kemm il-darba għandu nteress personali; u dan jeżisti kemm il-darba huwa qiegħed isofri xi ħaġa bħala konsegwenza tal-ħruġ tal-istess ċirkulari;

Illi kontra s-sottomissjonijiet tal-intimati fis-sens premess, dwar l-estensjoni tad-dritt tal-libertà ta' espressjoni, ir-rikorrent issottometta li din tinsab menomata bih, almenu rigward ċerti mpjegati, dawn isibuha diffiċli, u kultant forsi wkoll impossibbli, li huma jirċievu l-idejiet tiegħu u esposti fil-gazzetta tiegħu, mentri li dan id-dritt tiegħu li jagħtihom l-istess idejiet ma għandux jiġi mfixkel b'xi mod. Oltre dan, huwa semma wkoll li, biex issir xi miżura restrittiva ta' libertà fondamentali, irid ikun hemm għall-anqas xi "enabling law" li tawtorizza l-istess restrizzjoni, mentri li ebda liġi ma saret li timpedixxi l-qari tal-gazzetti kundannati mill-Knisja jew id-dħul tagħhom fid-dipartimenti, kemm mill-publiku in ġenerali, jew mill-impjegati tal-Gvern (fol. 94);

Illi dwar l-ewwel sottomissjoni l-Qorti hija aktar propensa biex tara fiċ-ċirkulari taħt eżami menomazzjoni tad-drittijiet tal-impjegati lil min hija diretta milli tar-rikorrent; u dan avvolja hija taċċetta l-veduta li, biex wieħed ikollu vera libertà ta' espressjoni, ma jridx ikun hemm indħil minn naħa ta' min għandu jirċievi l-idejiet. Infatti, dan id-dritt ta' min jimpartixxi idejiet ma jista' jkun qatt assolut (kif intqal, per eżempju, rigward l-edukazzjoni); u apparti minn hekk, għal dak li jirrigwarda

r-rikorrent, ir-restrizzjoni fiċ-ċirkustanzi riżultati hija tant minima li mhux il-każ li tagħti lok għal xi azzjoni, billi hija negliġibbli. Għall-kuntrarju, il-Qorti tagħti iżjed importanza lis-sottomissjoni l-oħra, billi tolqot kwistjoni ta' prinċipju fondamentali ta' natura legali; u f'dan ir-rigward l-interess hu personali tar-rikorrent bħala editur tal-gazzetta li d-dħul tagħha ġie projbit f'ċerti lokali, sija pure minn ċerti nies biss, billi din il-projbizzjoni hija ta' natura punittiva li tirrigwarda lir-rikorrent, u li tista' in ġenerali tiġi formulata fis-sens li gazzetta ma tkunx tista' tiġi mdaħħla f'xi dipartiment governattiv mill-impjegati li jaħdmu fl-istess għal raġunijiet prettament reliġjużi, u ċjoè mingħajr xi raġuni speċjali li tirrendi neċessarja miżura simili. Din il-kondizzjoni, fil-formulazzjoni tar-regola, qegħdha ssir billi jista' jkun hemm raġunijiet li jiġġustifikaw miżura simili, fis-sens tal-istess art. 14 tal-Kostituzzjoni, u ċjoè is-subart. (2), li jittempera l-assolutezza tal-prinċipju enunċjat fis-subart. (1), meta l-Qorti tkun tista' tiġi mitluba tiddikjara jekk jirrikorrux ir-raġunijiet ġustifikattivi skond l-istess subart. (2), meħuda in konsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, fosthom il-kondizzjonijiet lokali f'dak u sa dak il-mument partikulari;

Illi f'dan l-istadju hu forsi utili li l-Qorti tesprimi ruħha fuq dak li għandu jkun l-atteġġjament tagħha f'ċirkustanza simili, billi l-intimati nomine jsemmu fin-nota tagħhom li għandu nfluwenza kif jaħsibha l-ġudikant, vwoldieri l-valuri etiċi u soċjali personali tiegħu. Ċertament dan ma jistgħax ma jħossx ruħu nfluwenzat mill-mod kif huwa stess jaħseb u jħoss ċerta materja; iżda l-Qorti, kif presjeduta, tħoss li iżjed ma l-ġudikant iħares oġġettivament lejn il-kwistjoni u japprezza l-veduti opposti tal-kontendenti per sè u fihom infushom, mingħajr ma jħalli lilu nnifsu jkun preġudikat minn persważjonijiet personali, huwa iżjed ikun qiegħed jesplika aħjar il-funzjoni tiegħu; u dan b'vantaġġ għall-funzjoni ġudizzjarja stess, li timponi eżami skjett u spreġudikat da parti tal-ġudikant. Dan, però, ma jfisserx li f'ċerti każi, fejn ma hemmx liġi vera u proprja li titkellem ċar fil-materja, il-ġudikant ma jkunx neċessarjament iqiegħed "in atto" l-idea tiegħu personali dwar l-istess materja. F'determinazzjoni ta' punt li jirrigwarda r-reliġjon, jew li għandu xi aspett reliġjus, il-ġudikant, proprju "in omaggio" għall-libertà ta' kuxjenza ta' kull individwu (u din hija liġi konsagrata fil-Kostituzzjoni,

kif intqal), ma jistgħax jħalli ruħu ndott jiddeċidi f'mod li huwa kieku jixtieq minħabba konvinzjonijiet reliġjużi tiegħu stess, billi jrid jirrispetta wkoll il-konvinzjonijiet ta' ħadd ieħor; u ugwalment, jaqblu jew ma jaqblux ma' tiegħu jew bejniethom stess, huwa jrid jiddeċidi spassjonatament, wara li jieħu in konsiderazzjoni u jivvalja ċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, bl-istess mod kif irid jagħmel meta jkun irid jiddeċidi fuq punt fejn hemm element politiku nvolut u huwa jista' jħoss xi inklinazzjoni li jiddeċidi jew jaġixxi b'mod li jaqbel mal-veduti tiegħu, għalkemm iċ-ċirkustanzi jissuġġerixxu mod ieħor (ara, f'dan l-aħħar rigward, Smith "Judicial Review of Administrative Action" 1959, p. 206 isfel, u nota 8);

Ikkunsidrat;

Illi, dan premess, hu issa l-każ li wieħed jeżamina jekk iċ-ċirkulari in eżami tistgħax tiġi ċensurata mill-Qorti, u f'każ affermattiv jekk hemmx lok għall-istess ċensura. Dan hu rikjest minħabba l-eċċezzjonijiet opposti mill-intimati nomine kif ġa msemmi;

Illi, fuq l-ewwel kwistjoni, jekk ċjoè il-Qorti tistgħax tidħol biex tiċċensura ċ-ċirkulari, hemm żewġ aspetti, u ċjoè in-natura taċ-ċirkulari stess, fis-sens jekk hijiex liġi jew att amministrattiv, billi, skond l-intimati nomine, dan l-eżami tal-Qorti jista' jeżisti biss fl-ewwel każ, u iżjed ma jistgħax jeżisti jekk l-att amministrattiv ikun purament tali;

Illi, bħala prinċipju, il-Qorti tirrikonoxxi l-eżistenza ta' atti da parti tal-poter eżekuttiv jew amministrattiv tal-Istat li ma għandhomx ikunu sindakati (allavolja in prinċipju sindakabbli) mill-poter ġudizzjarju. Dan jirrikorri meta l-att jirrigwarda fin-natura intima tiegħu l-amministrazzjoni sempliċement u jkun jinvolvi kwistjoni ta' "policy", li ċertament tispetta lil dak il-poter, li hu iżjed fi grad li jagħżel bejn trieq u oħra, għax iżjed edott mill-fatti, u għandu jiġi ritenut li eżerċita kif imiss id-diskrezzjoni tiegħu in materja. Dan jirrikorri iżjed meta si tratta ta' regolament ta' rapporti bejn il-Gvern stess u l-impjegati tiegħu. Ma jidherx, però, li dan huwa l-każ preżenti, billi, kif rilevat, iċ-ċirkulari in kwistjoni, għalkemm diretta lill-impjegati stess, u biss, tirrigwarda lir-rikorrent

ukoll għax tolqot lill-gazzetta li tagħha hu l-editur u hija ta' natura punittiva fir-rigward tiegħu, mentri li fih innifsu l-att projbit, ċjoè id-dħul tal-gazzetta fil-postijiet dipendenti mill-intimati nomine, ma jidherx li jista' jirrigwarda biss id-direzzjoni tal-istess postijiet skond l-iskop li dawn għandhom iservu, u li l-intimati għandhom jaraw li jiġi raġġunt, in vista tal-kariġi rispettivi tagħhom;

Illi kwantu għall-kwistjoni l-oħra, jekk il-Qorti tistgħax tieħu biss konjizzjoni ta' dawk il-każi biss fejn si tratta ta' liġi, fis-sens li persuna tista' biss tadixxi l-istess Qorti meta l-menomazzjoni attwali jew probabbli tad-drittijiet tagħha tkun dovuta għall-provvediment leġislattiv biss, il-Qorti tħoss li l-interpretazzjoni li għandha tingħata lill-art. 16 tal-Kostituzzjoni trid tkun iżjed lata, b'mod li għandha tinkludi anki dawk l-atti li jkunu saru taħt l-istess provvediment. Dan tgħidu iżjed in vista tal-fatt li ħafna drabi t-tendenza hi li, minħabba l-ġeneralità tal-liġi u d-diffikultà ta' previżjoni kif tapplika fil-fatt, tingħata ċerta latitudini lill-poter inkarigat mill-eżekuzzjoni tal-istess liġi. Ċertament, għandu jkun hemm l-istess rimedju fis-sens ta' proċeduri ġudizzjarji, kemm il-darba jsir xi att mhux taħt xi liġi, billi allura jkun wieħed jista' jgħid li dak il-poter jew uffiċjali eżekuttiv ma setgħax jagħmel dak l-att għax mhux awtorizzat, u kwindi jkun aġixxa "utra vires"; biss jista' jingħad, rigward atti simili, li forsi dawn l-atti ma humiex dawk li l-Kostituzzjoni tal-1961 tat poter lill-Qorti li tissindaka, billi dawn kienu wkoll sindakabbli qabel il-ħruġ tal-istess Kostituzzjoni bil-proċedura normali quddiem it-tribunali ordinarji. Loġikament għandu jiġi ritenut il-lum, imħabba l-estensjoni tal-possibbiltà tal-proċeduri, li għalhekk ikunu prosegwibbli bl-istess proċedura għall-ġodda, biex ikun hemm uniformità f'każi tal-istess natura;

Illi l-intimati nomine semmew ukoll li l-Kostituzzjoni ma apportat ebda tibdil dwar iċ-ċensura ta' atti amministrattivi da parti tal-Qorti, b'mod li din tista' tara biss jekk l-att ħariġx mill-awtorità kompetenti li ħarġitu u jekk ħariġx bil-forma debita, b'mod li ma tistgħax tindaħal fid-diskrezzjoni tal-istess awtorità, ċjoè fuq l-opportunità o meno tal-miżura li tkun ittieħdet. Dan kien li-stat ta' affarijiet qabel il-Kostituzzjoni, u hu ispirat mill-prinċipju tas-separazzjoni jew diviżjoni tal-poteri li jiffurmaw il-Gvern;

Il-Qorti ġa semmiet din il-kwistjoni, u qalet li għandhom jiġu rikonoxxuti kategorija ta' atti li l-Qorti ma għandhiex tegħleb l-atti magħmul mill-Eżekuttiv; in vista tal-poteri ġodda, però, mogħtija mill-Kostituzzjoni. dan għandu jiftiehem fis-sens li, għalkemm bħala prinċipju kull att il-lum jista' jiġi mressaq quddiem il-Qorti, din ma għandhiex tiddisturba l-att li jkun sar, jekk mhux għal ċirkustanzi ta' natura ferm gravi, biex hekk l-amministrazzjoni vera u proprja tibqa' f'idejn il-poter amministrattiv stess, u l-Qorti ma tarrogax għaliha stess ukoll din il-funzjoni. F'dan is-sens il-Qorti tifhem id-"dicta" ta' Qrati frustieri ċitati fin-nota elaborata tal-intimati nomine dwar atti leġislattivi li kienu qegħdin jiġu mpunjati quddiem l-istess qrati; liema atti jkunu "encased in the armour wrought by prior legislative enactment";

Dawn il-prinċipji huma ugwalment applikabbli għall-każi ta' atti amministrattivi (flok leġislattivi), salvi ċerti modifiki u konsiderazzjonijiet, billi wieħed jistenna wkoll deċiżjoni formata u assenjata da parti tal-poter amministrattiv; u hu appuntu għalhekk li l-kompitu tal-Qorti jkun aktar diffiċli meta tiġi msejħa biex tippronunzja ruħha fuq att simili, meta hija tkun imsejħa biex tgħid hekk, hija tissostitwixxi d-diskrezzjoni tagħha għal dik ta' xi wieħed miż-żewġ poteri l-oħra;

Illi fil-każ preżenti l-Qorti tħoss li din id-diffikultà ma tantx teżisti billi, kif diġa' ntqal, il-projbizzjoni kontenuta fiċ-ċirkulari in kwistjoni, li għaliha r-rikorrent sab oġġezzjoni, ma tidherx "prima facie" konnessa mal-bwon andament tad-dipartiment konċernat, kif però jidhru konnessi l-partijiet oħra tal-istess ċirkulari, b'mod li din il-konnessjoni kien ikollha bżonn ta' xi prova, sija pure ġenerika, bħal, per eżempju, id-dixxiplina rikjesta fil-postijiet milquta u d-disgwid li kien qiegħed iġib fl-istess postijiet id-dħul tal-gazzetta nvoluta; liema raġuni, ċjoè id-dixxiplina, tidher li kienet ir-raġuni tal-partijiet l-oħra taċ-ċirkulari;

U hawn qiegħed jiġi notat u spjegat li l-Qorti qegħdha tikkonsidra ċ-ċirkulari taħt eżami bħala att maħruġ mill-intimati nomine fil-kariga tagħhom rispettiva, li tagħtihom id-dritt li joħorġu direttiva għalbiex id-Dipartiment tas-

Saħħa jesplika sew il-funzjonijiet tiegħu fl-interess pubbliku. Il-prova mogħtija fir-rigward hija dik li tirriżulta mix-xhieda tal-intimat Onorevoli Dottor Paolo Borg Olivier stess, u ċjoè li hu, bħala ministru, meta ried joħroġ xi ħaġa biex irażżan attività politika fl-isptarijiet da parti ta' mpjegati, żied il-parti in kwistjoni, ċjoè dik riferibbli għall-gazzetti kundannati mill-Awtorità Ekkleżjastika, għax huwa hekk iħoss. Fil-fatt huwa qal li din il-parti ġietu bħala "after thought" (fol. 20/21). Hu kompla jgħid: "Jiena nħoss hekk in vista tal-projbizzjoni li hemm mill-Knisja" (fol. 21); u spjega wkoll (ibid.) "li l-miżura kienet neċessarja anki għad-dixxiplina fid-dipartiment, speċjalment fl-isptarijiet......", u li "...... kien jista' jkun hemm xi nkwiet billi wieħed idaħħalhom u jirrita lil ħadd ieħor billi jurihom, u għalhekk jiena pprojbejt mill-ewwel li jistgħu jidħlu". L-istess intimat nomine, meta xehed it-tieni darba (fol. 30/31), wara li spjega x-xhieda preċedenti dwar dħul u qari ta' gazzetti politiċi oħrajn, ċjoè mhux kundannati mill-Knisja, qal hekk:— "Nikkonferma r-raġuni li tajt l-aħħar darba, fis-sens li l-projbizzjoni hija dovuta għall-fatt tal-kundanna tagħhom mill-Awtorità Ekkleżjastika, l-għaliex jiena nħoss li fid-dipartiment ma għandix inħalli jidħlu gazzetti simili". F'din it-tieni xhieda ġiet ommessa riferenza għar-raġuni l-oħra li kienet issemmiet qabel ukoll, u ċjoè id-dixxiplina, għalkemm mill-ewwel jiġi notat li, meta ssemmiet, intqal ukoll li l-inkwiet seta' jinqala' għaliex min idaħħal il-gazzetta in kwistjoni seta' jirrita lil ħadd ieħor, li naturalment ma jaqbelx miegħu fil-veduti politiċi li għandhom ukoll ċertu kontenut reliġjuż, billi sempliċement jurihielu;

Illi quddiem din id-dikjarazzjoni espliċita u sinċiera tal-intimat Onorevoli Dottor Borg Olivier, li ma qagħadx jistaħba wara l-poteri eżekuttivi tiegħu bħala Ministru biex jiġġustifika l-operat tiegħu, il-Qorti hija ffrankata x-xogħol li teżamina l-fatti u tistabbilixxi hi l-iskopi u l-motivi tal-att in kwistjoni, biex tara jekk kienx hemm xi ħaġa li tindika li l-poteri diskrezzjonali inerenti għall-istess kariga ma ġewx użati kif imiss. Il-kwistjoni posta lill-Qorti hija pura u sempliċi, u ċjoè jekk setgħetx issir il-projbizzjoni li saret għal din ir-raġuni kif dikjarata. Dan l-att fin-nota tal-intimati nomine jingħad li seta' jsir, għaliex konsentaneu mal-"way of life" lokali, li tirrikjedi rispett lejn ir-reliġjon kattolika u "lejn il-kapijiet spirit-

wali u awtoritajiet ekkleżjastiċi" (fol. 77); liema ħaġa trid tittieħed in konsiderazzjoni meta wieħed jipprova jiddefinixxi dak li jikkostitwixxi demokrazija, u li raġjonevolment jista' jsir f'pajjiż demokratiku;

Illi l-Qorti ma tridx tgħid li dan il-fatt l-aħħar enunċjat mhux eżatt; però, mill-banda l-oħra, lanqas ma tista' ma tieħux nota tal-fatt dikjarat mir-rikorrent stess, u riżultat waqt il-proċess, li l-gazzetta edita minnu ilha kundannata fuq sena, u ntant għadha qegħdha tinħareġ u tinbiegħ. Issa, dan il-fatt juri li hemm min ma jaqbelx għal kollox mal-fatt l-ieħor enunċjat mill-intimati nomine; u bħala propożizzjoni ta' dritt (u hawn hu l-qofol tal-eżerċizzju rett tal-poter ġudizzjarju) il-Qorti ma tistgħax ma tirrikonoxxix dan id-dritt, li verament jirrigwarda iżjed il-libertà tal-kuxjenza minn dik tal-espressjoni. B'dan kollu l-Qorti ma tridx tgħid li allura tilfet l-importanza u l-forza tagħha d-dikjarazzjoni kontenuta fl-Att I tal-1922 kif għadhom sħaħ u validi d-dispożizzjonijiet f'diversi liġijiet (e.g. tal-Istampa u l-Kodiċi Kriminali) li jittutelaw din ir-reliġjon nazzjonali; u hekk l-intimati nomine huma a regola jekk fit-tmexxija tal-isptarijiet u lukien oħra taħt id-direzzjoni tagħhom huma jaraw li din tkun skond ma trid ir-Reliġjon Kattolika; u anzi tgħid li dan għandu jkun hekk. Mill-banda l-oħra, dan ma għandux ifisser li l-użu ta' dawn il-poteri ta' direzzjoni għandu jwassal biex tinħareġ iċ-ċirkulari in kwistjoni jekk motivata minn raġunijiet reliġjużi biss, u mhux suġġerita minn raġunijiet li għandhom attinenza mal-iskop preċipwu tad-dipartiment tas-Saħħa Publika, kif jirriżulta li hu mill-Kapitolu 148, billi hekk jiġu vjolati d-drittijiet tan-nies imsemmija, li jridu jiġu wkoll rispettati. U f'dan ir-rigward il-Qorti hija aktar inklinata tirritjeni li l-intimati nomine ma kellhomx il-fakoltà li jagħmlu ċ-ċirkulari in kwistjoni għar-raġuni li għamluha; u ladarba din irriżultat, l-istess ċirkulari għandha tiġi kunsidrata maħruġa "ultra vires", non ostante l-fini u ħsieb tajjeb tagħhom meta ddeċidew jagħmluha, u dan proprju għal din ir-raġuni riżultata u dikjarata bħala dik li ddeterminatha;

Illi, apparti l-premess, għandu jiġi wkoll osservat li per sè, ir-raġuni mogħtija bħala li għandha ċerta relazzjoni mad-dixxiplina tad-dipartiment mhix inattakkabbli, billi tirrikonoxxi drittijiet differenti fl-istess impjegati tad-

dipartiment, mentri li dawn kollha, ladarba huma ugwali, u ma jistgħux jiġi skwalifikati jew imwarrba mħabba l-konvinċimenti tagħhom reliġjużi, għandhom l-istess jik-kontribwixxu għad-dixxiplina fid-dipartiment, li però, kif ingħad, jibqa' l-istess miexi bħal qabel fuq linji ispirati għar-Reliġjon Kattolika bħala Dipartiment;

Fl-aħħarnett, jiġi osservat ukoll, b'riferenza għas-somiljanza ġa riferita dwar ir-riluttanzi naturali tal-poter ġudizzjarju li jissostitwixxi lilu nnifsu f'kamp li jappartjeni lil dak leġislattiv jew amministrattiv, jekk mhux fejn hemm raġunijiet verament gravi, li fil-każ preżenti (kif jiġri bħala regola fl-atti amministrattiv) ma hemmx il-konkorrenza tal-korp sħieħ eżekuttiv, li hu rappreżentat mill-Kabinett, kif ikun hemm l-opinjoni tal-korp leġislattiv kollu f'każ ta' liġi, iżda hemm biss l-att unilaterali ta' Ministru wieħed waħdu, li ħa spunt minn att f'dikasteru ieħor (li però, kif spjegat, hu f'sens differenti u li ma set-għax jiġi segwit għax jiddixxiplina attività differenti), u li ma ġiex pruvat li ġie segwit f'xi dikasteru ieħor. Sa fejn jirriżulta, l-impjegati kollha tal-Gvern, barra dawk riferiti fiċ-ċirkulari, għadhom jistgħu jdaħħlu l-gazzetta edita mir-rikorrent fil-post tax-xogħol tagħhom, jekk hekk iridu. Din l-aħħar riflessjoni turi li ċ-ċirkulari twassal għal trat-tament differenti bejn nies li jaħdmu mal-Gvern mingħajr raġuni vera, ċjoè rigwardanti s-servizz stess li tiġġustifika din id-differenza. Dan però, kif ġa ntqal, kien ikun l-ar-gument tal-impjegati milquta miċ-ċirkulari, u mhux tar-rikorrent; l-argument ta' dan, li l-Qorti tħoss li għandha takkolji, huwa fis-sens li mingħajr ebda liġi li tikkommina l-projbizzjoni tad-dħul tal-gazzetta tiegħu f'xi dipartiment tal-Gvern, sija pure limitatament għall-impjegati biss, saret l-istess projbizzjoni; il-poteri wżati biex din issir fil-fatt qatt ma kienu ntiżi biex jiġu wżati kif ġew użati, għal-kemm taħt ċerti ċirkustanzi u ndirettament, setgħu jwasslu għall-istess konklużjoni, però. b'mod li r-rikorrent ma kienx jista' jilmenta, għax l-istess konsegwenzi kienu japplikaw għal ħadd ieħor fl-istess kondizzjonijiet tiegħu;

Illi taħt dawn iċ-ċirkustanzi l-Qorti ma jidhrilhiex li hu l-każ li tippronunzja ruħha b'xi mod dwar ir-relazzjo-nijiet li jgħaddu bejn il-Gvern u l-impjegati tiegħu, billi din il-kwistjoni, bħala tali, ma tinteressax il-kawża preżenti direttament, u dawn ġew imsemmija sa fejn kien utili għall-każ preżenti;

Rat fol. 122 in-nota tal-appell tal-intimati nomine, u fol. 127 il-petizzjoni tagħhom, li biha talbu li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi jiġi dikjarat u deċiż a tenur tal-eċċezzjonijiet tal-appellanti, u konsegwentement li dik il-parti taċ-ċirkulari mhijiex illegali, u li konsegwentement ma hemmx lok għall-provvedimenti ordnati mill-Ewwel Qorti, u li għalhekk tiġi riġettata t-talba kontenuta fir-rikors tal-appellat; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra r-rikorrent appellat;

Rat fol. 138 ir-risposta tar-rikorrent appellat Onorevoli Dottor Butigieg, li biha dan qal li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma, u għaldaqstant talab li l-appell ikun respint u li s-sentenza appellata tkun konfermata; bl-ispejjeż;

Trattat l-appell, limitatament għall-kwistjoni "de qua infra";

Ikkunsidrat;

Bin-nota tagħhom fol. 143 l-appellanti ssollevaw il-preġudizzjali tan-nullità tas-sentenza appellata minħabba vjolazzjoni tal-forma preskritta mill-liġi, u minħabba difett ta' partikolarità sostanzjali espressament meħtieġa mill-liġi, konsistenti fl-ommissjoni tad-dikjarazzjoni rikjesta mill-art. 217 Kod. Proċ. Ċiv. kombinat mal-art. 16(1) (2) tal-Kostituzzjoni, u ċjoè jekk il-parti mpunjata taċ-ċirkulari tikkontravvenix il-libertà ta' kuxjenza jew il-libertà ta' espressjoni, li huma żewġ drittijiet separati u distinti, u fl-ommissjoni ta' motivazzjoni suffiċjenti biex tirrendi s-sentenza ntelliġibbli;

Din il-preġudizzjali ġiet dibattuta fis-seduta tal-21 ta' Jannar 1963 (ara verbal relattiv), u ġiet ulterjorment trattata fin-noti tal-osservazzjonijiet in segwitu preżentati mil-kontendenti rispettivament;

Ikkunsidrat, fuq din il-preġudizzjali;

Skond l-art. 217 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili (Kap. 15 Ediz. Riv.), kull dikjarazzjoni li l-Qorti trid li tkun deċiżiva jew obligatorja, għandha tiġi mdaħħla fid-dispożittiv;

Fir-rikors tal-attur, promotorju tal-ġudizzju odjern, jingħad fil-premessi li l-ordni mogħti biċ-ċirkulari maħruġa mill-konvenuti nomine, jikkostitwixxi ksur tal-art. 13 u 14 tal-"Malta (Constitution) Order-in-Council, 1961", li (ikompli jgħid ir-rikors) jirrigwardaw il-libertà tal-kuxjenza u l-libertà tal-espressjoni; u fit-talba, fejn jintalab ir-rimedju opportun, jerġa' jingħad li dak ir-rimedju hu meħtieġ sabiex jiġi żgurat it-twettieq tad-drittijiet tar-rikorrent tal-libertà ta' kuxjenza u tal-libertà ta' espressjoni, li (ikompli jingħad fir-rikors) ġew miksura biċ-ċirkulari fuq imsemmija. Minbarra hekk, skond l-art. 16 tal-Kostituzzjoni, espressament invokat mir-rikorrent fir-rikors fuq imsemmi jista' jitlob "redress", kif talab ir-rikorrent, kull min "alleges that any of the provisions of this Part of this Order has been, is being, or is likely to be, contravened in relation to him"; u dawk il-"provisions" jikkontemplaw, "inter alia", iż-żewġ drittijiet ta' libertà ta' kuxjenza u ta' libertà ta' espressjoni, imsemmijin fir-rikors, u kontemplati fl-art. 13 u 14 ta' dik il-"Part" tal-Kostituzzjoni. Il-Qorti Ċivili (Prim'Awla), inoltre, hi kompetenti li tieħu konjizzjoni ta' kawża simili, għaliex il-Kostituzzjoni tagħtiha, fl-art. 16(2), 'original jurisdiction' sabiex tisma' u tiddeċidi "any application made in pursuance of the preceding subsection", li hi appuntu dik l-"application" li fiha r-rikorrent jallega l-vjolazzjoni avvenuta, jew attwali jew imminenti ta' xi wieħed mil-"freedoms of the individwal";

Minn dan li ngħad jidher ċar li dak li mil-ġuristi jissejjaħ "caput et basis totius processus" fil-każ preżenti hu kostitwit mill-allegata vjolazzjoni taż-żewġ 'human rights' tal-libertà tal-kuxjenza u tal-libertà ta' espressjoni, jew ta' wieħed minnhom, u li sabiex jiġi ordnat "redress" b'forma jew oħra, hu għal kollox indispensabbli li tiġi mill-Qorti konstatata u dikjarata, mhux illegalità kwalunkwe, imma vjolazzjoni ta' xi wieħed mid-drittijiet tutelati, u li jiġi dikjarat liema minn dawn id-drittijiet ġie ossija ġew violati: altrimenti, jekk jiġi provvdut xi rimedju ("redress"), dan ikun mingħajr il-bażi "sine qua non" tad-deklaratorja tal-vjolazzjoni fuq imsemmija;

Ikkunsidrat;

Issa, kif jidher mid-dispożittiv tas-sentenza, fuq ri-

portat "ipsissimis verbis", l-Ewwel Onorabbli Qorti ma ddikjaratx li ġie vjolat xi wieħed mid-drittijiet imsemmijin fir-rikors, jew li ġew vjolati t-tnejn, imma ddikjarat ħaġa oħra ċjoè li dik il-parti taċ-ċirkulari li tipprojbixxi d-dħul tal-gazzetti kundannati mill-Awtorità Ekkleżjastika fil-postijiet fiha ndikati hija illegali u ta' ebda effett. Ma jissemma fid-dispożittiv ebda wieħed minn dawk id-drittijiet allegati vjolati mir-rikorrent, li tagħhom hu talab il-protezzjoni bil-kliem "sabiex tiżgura t-twettieq" tagħhom, u li in relazzjoni għalihom biss il-Prim-Awla Ċivili tista' teżerċita din il-ġurisdizzjoni speċjali, u in relazzjoni għall-vjolazzjoni tagħhom biss dik il-Qorti hi awtorizzata mill-Kostituzzjoni li tipprovdi r-rimedju xieraq;

Ikkunsidrat;

Peress, però, li hu riċevut fil-ġurisprudenza tal-Qrati Maltin li d-dispożittiv jista' jiġi kjarit bil-motivazzjoni, jew almenu b'dik il-parti tagħha li hija nxindibbilment marbuta mad-dispożittiv, għalhekk jixraq li ssir indaġini f'dan issens;

Ikkunsidrat;

L-eżami tal-motivazzjoni tas-sentenza jispiċċa biex juri li l-bażi tas-sentenza ma ġietx imqegħda mill-Ewwel Onorabbli Qorti fil-vjolazzjoni ta' xi wieħed mid-drittijiet fuq imsemmijin, imma filli ġie ritenut li ċ-ċirkulari hi illegali għax inħarġet bla ma kien hemm ebda liġi li tawtorizza l-projbizzjoni fiha kontenuta; fi kliem ieħor, il-motivazzjoni mhijiex tali li tista' titqies li testendi b'xi mod il-portata tad-dispożittiv, u dan jibqa' fit-termini li fihom hu konċepit;

Infatti, l-Ewwel Qorti, fil-para. 8 tad-deċiżjoni tagħha (ara para. 8 tal-kopja eżibita man-nota fol. 171), aċċettat li ċ-ċirkulari "de qua" tirriferixxi biss għall-impjegati. Fil-para. 12 il-Qorti semmiet iż-żewġ sottomissjonijiet tar-rikorrent, waħda dwar kif hu kien isostni li ġie menomat id-dritt tal-libertà ta' espressjoni, u l-oħra li, biex issir xi restrizzjoni ta' dritt fondamentali, jeħtieġ li jkun hemm xi "enabling law". Fil-para. 13, kwantu għall-ewwel sottomissjoni, relattiva għal-libertà ta' espressjoni, il-Qorti qalet li fiċ-ċirkulari tara pjuttost restrizzjoni tad-dritti-

jiet tal-impjegati milli tar-rikorrent, u li fiċ-ċirkustanzi tal-każ ir-restrizzjoni għar-rikorrent hija tant minima li ("totidem verbis") "mhux il-każ li tagħti lok għal xi azzjoni, billi hija negliġibbli". B'daqshekk donnu jidher li l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kkunsidratx li kien hemm vjolazzjoni tal-libertà ta' espressjoni għall-finijiet ta' dan ir-rikors, għaliex fil-para. 11 il-Qorti kienet qalet li r-rikors ma setgħax ikun sostnut b'dak li jirrigwarda lill-impjegati, imma biss b'dak li jirrigwarda lir-rikorrent personalment. Fl-istess para. 13 qalet li hija kienet tagħti aktar importanza lis-sottomissjoni l-oħra, li kienet tolqot (kompliet tgħid) prinċipju fondamentali ta' natura legali;

Din is-sottomissjoni l-oħra hija dik tal-illegalità taċ-ċirkulari għax ma kienx hemm "enabling law", u għalhekk id-dispożittiv, li hu ristrett għall-illegalità taċ-ċirkulari, ma hux estiż bl-ebda mod b'dan il-konsiderando tal-Qorti;

Fil-para. 15, il-Qorti tal-Ewwel Istanza qalet li hija kienet sejra tara jekk iċ-ċirkulari setgħetx tiġi ċensurata. Fil-para. 17 qalet li ċ-ċirkulari, għalkemm kienet tirrigwarda lill-impjegati, kienet tolqot ukoll il-gazzetta tar-rikorrent, u wżat il-kliem pjuttost ambigwu "ta' natura punittiva għar-rigward tiegħu," bla ebda skjariment ieħor. Fil-para. 20 hija qalet li ċ-ċirkulari ma kienetx tidher konnessa mal-bwon andament tad-dipartiment fil-parti tagħha rilevanti għall-każ. Fil-para. 22 il-Qorti deħiret qiesha kienet sejra tersaq lejn id-dritt tal-libertà ta' kuxjenza, għax qalet li, bħala propożizzjoni ta' dritt (u hawn hu l-qofol tal-eżerċizzju rett tal-poter ġudizzjarju), il-Qorti ma tistgħax ma tirrikonoxxix dan id-dritt, li verament jirrigwarda iżjed il-libertà ta' kuxjenza milli l-libertà ta' espressjoni. Il-kliem "dan id-dritt" donnhom jirriferixxu għad-dritt li wieħed ma jaqbelx ma' dak li kien ġie sottomess mill-intimati dwar ir-rispett għar-reliġjon u għall-awtoritajiet ekkleżjastiċi (ara para. 21);

Iżda, mhux talli l-Ewwel Qorti żammet ruħha, kif jingħad. "sulle generali", f'dan ir-rigward, imma dippjù nnewtralizzat kull sens li seta' jingħata kwantu għal-libertà ta' kuxjenza għall-kliem fuq riportati, billi fil-parti immedjatament susseġwenti kompliet tgħid dan:— "B'dan kollu. il-Qorti ma tridx tgħid li allura tilfet l-importanza u l-forza tagħha d-dikjarazzjoni kontenuta fl-Att I tal-

1922, kif għadhom sħaħ u validi d-dispożizzjonijiet f'diversi liġijiet (e.g. tal-Istampa u tal-Kodiċi Kriminali) li jittutelaw din ir-Reliġjon Nazzjoni, u hekk l-intimati nomine huma a regola jekk fit-tmexxija tal-isptarijiet u lukien oħra taħt id-direzzjoni tagħhom huma jaraw li din tkun skond ma trid ir-Reliġjon Kattolika; u anzi tgħid li għandu jkun hekk". Mbagħad kompliet tgħid, b'rijallaċċjament ma' dak li qalet qabel, li ċ-ċirkulari, jekk motivata minn raġunijiet reliġjużi biss, iġġib vjolazzjoni tad-drittijiet tan-nies imsemmija;

Milli jidher, id-drittijiet huma dawk li wieħed ma jaqbelx "uti supra", u n-"nies imsemmija" huma dawk li f'dan il-paragrafu 22 ġew indikati bil-kliem "hemm min ma jaqbelx għal kollox". Fl-aħħar ta' dan il-para. 22 l-Ewwel Qorti qalet li ċ-ċirkulari, magħmula għal raġunijiet reliġjużi, hija "ultra vires"; u b'hekk l-Ewwel Qorti reġgħet irritornat għall-konċett tal-illegalità. Fil-para. 23 il-Qorti oskurat aktar kwalunkwe deduzzjoni li wieħed talvolta seta' jaħseb li tista' ssir mill-kliem dwar il-libertà ta' kuxjenza li hemm fil-para. 22. Infatti. f'dan il-para. 23, wara li qalet li ċ-ċirkulari, jekk maħruġa għal raġunijiet reliġjużi, iġġib trattament differenti għall-impjegati, kompliet tgħid dan:— "Dan, però kif ġa ntqal, kien ikun argument tal-impjegati milquta biċ-ċirkulari, u mhux tarrikorrent......" Mbagħad, immedjatament wara, f'dan il-penultimo konsiderando, l-Ewwel Qorti, darb'oħra marret għal kollox fuq il-motiv tal-illegalità, billi qalet li l-argument li hija kienet qegħdha takkolji kien dak li l-projbizzjoni saret bla ma kien hemm ebda liġi in propożitu. U b'hekk jidher ċar li l-portata tad-dispożittiv ma tmurx aktar l-hemm, anki wara konsultata l-motivazzjoni, milli li ċ-ċirkulari hi illegali;

Issa, deklaratorja ta' illegalità, "sic et simpliciter", ma hix deklaratorja ta' vjolazzjoni ta' "human right", għaliex ċirkulari simili tista' tkun illegali għal diversi raġunijiet oħra, per eżempju għax maħruġa minn persuna li mhijiex l-uffiċjal kompetenti, f'liema każ ikun hemm l-illegalità bla ma jkun hemm bilfors in-negazzjoni ta' xi "freedom of the individual". Jingħad ukoll li f'materja hekk delikata ma tista' qatt tkun meqjusa biżżejjed il-kwalifika vaga u ġeneralizzata ta' "illegali", imma jeħtieġ li jingħad li kien hemm "vjolazzjoni" ta' "human right", u li jiġi speċifikat il-"human right" vjolat;

Ebda sussidju għall-kjarifikazzjoni tad-dispożittiv ma jista' jiġi rikavat mid-dispost tat-tieni subartikolu tal-art. 14 tal-Kostituzzjoni; għaliex dak jgħid biss li ebda ħaġa magħmula taħt liġi ma titqies li hi kontra l-"freedom of expression", jekk il-liġi tkun "reasonably required" għall-iskopijiet hemm indikati, u tkun "reasonably justifiable in a democratic society". Iżda dak is-subartikolu ma enunċjax, u ma seta' qatt jenunċja, il-propożizzjoni ġeneralizzata assurda li kull ma hu illegali hu tabilfors vjolazzjoni ta' xi "human right", għas-sempliċi raġuni li hemm kwantità ta' affarijiet li jistgħu jsiru mhux skond il-liġi u ntant ma jikkontrastawx ebda "freedom; hekk, per eżempju, jekk wieħed iżomm ħanut tax-xorb bla liċenza, jagħmel ħaġa illegali, iżda ċert mhux leżiva ta' ebda "freedom";

Minn dan li ngħad jiġi illi, mentri fid-dispożittiv in eżami hemm il-provvediment ta' "redress" kontemplat fl-art. 16 tal-Kostituzzjoni, ma hemmx dak li hu biss jista' jiġġustifika u jagħti lok għal dak ir-"redress", ċjoè id-deklaratorja tal-vjolazzjoni ta' xi "freedom" speċifiku, jew xi "freedoms" speċifiċi; liema deklaratorja hi l-element bażilari u prinċipali ta' dan il-ġudizzju, għax ir-"redress" jippostulaha u hu pedissekwu u famulattiv tagħha, u, bħala għalhekk deċiżiva u obligatorja, dik id-deklaratorja, skond l-art. 217 Kod. Proċ. Ċiv., kombinat mal-art. 16 tal-Kostituzzjoni, kien imissha tinsab fid-dispożittiv, mentri fid-dispożittiv ma tissemma ebda vjolazzjoni tal-art. 13 u/jew tal-art. 14 tal-Kostituzzjoni, kif allegat mir-rikorrent. Għandu jiġi osservat li l-Ewwel Onorabbli Qorti lanqas qalet fid-dispożittiv tas-sentenza l-kliem "tilqa' t-talba", liema kliem talvolta setgħu b'xi mod jikkonnettu d-dispożittiv mat-talba konklużjonali tar-rikors, li fiha hemm imsemmija l-vjolazzjoni taż-żewġ "freedoms". Minflok dan, l-Ewwel Qorti qalet biss li "tipprovdi fuq it-talba" billi ddikjarat iċ-ċirkulari illegali, bla ma semmiet però ebda vjolazzjoni ta' xi "freedom", u billi ordnat ir-"redress", ukoll bla ma semmiet ebda vjolazzjoni;

Dan in-nuqqas jikkostitwixxi vjolazzjoni tal-forma stabbilita mil-liġi, u konformement għad-dispost tal-art. 792(c) Kod. Proċ. Ċiv. din il-vjolazzjoni, jekk tikkaġuna lill-parti li tkun qegħdha tallegaha preġudizzju tali li ma jistgħax jiġi rimedjat ħlief bl-annullament, twassal għan-

nullità tas-sentenza "de qua". Ħadd ma jista' jiddubita għall-mument, li f'dan il-każ preżenti dik il-vjolazzjoni kkagunat preġudizzju gravi lill-intimati, għas-sempliċi raġuni li huma ma jistgħux ikunu fi grad li jkunu jafu kontra x'hix jiddefendu ruħhom, u jekk u liema vjolazzjoni għandhom jikkontrastaw. Id-difiża tagħhom hi kwindi serjament ostakolata, u kull linja li jieħdu tkun merament konġetturali. Preġudizzju simili ma jistgħax jiġi skonġurat ħlief bl-annullament tas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Hu veru li skond l-art. 793 idem l-eċċezzjoni tan-nullità tas-sentenza ma tistgħax tiġi attiża jekk is-sentenza tinsab sostanzjalment ġusta; iżda fil-każ preżenti mhux biss hi tabilfors mhux ġusta sentenza li tordna provvediment li l-liġi tippreskrivi għall-vjolazzjoni ta' xi "freedom", u ntant ma tiddikjara vjolat ebda "freedom", imma, "per tutt'altro", il-Qorti, f'dan l-eżami tagħha, kieku kellha tagħmlu, tinkontra preċiżament l-istess ostakolu insuperabbli li jikkostitwixxi l-preġudizzju tal-intimati kif fuq indikat, ċjoè, il-Qorti ma tistgħax qatt tasal biex tgħid li hu ġust jew inġust li jingħad li hemm vjolazzjoni ta' dan jew dak il-"freedom", meta ma hemm dikjarata ebda vjolazzjoni;

In vista ta' dan li ngħad, ma tistgħax tiġi akkordata d-domanda kontenuta fir-rikors tar-rikorrent Onor. Dr. Butigieg, għas-sospensjoni tad-deċiżjoni fuq in-nullità sakemm jiġi eżaminat il-meritu;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tilqa' l-eċċezzjoni sollevata mill-intimati nomine tan-nullità tas-sentenza appellata fuq imsemmija, tiddikjara nulla l-istess sentenza, tqiegħed il-kontendenti fl-istat li huma kienu fih qabel ma ngħatat dik is-sentenza, u tirrimetti l-attijiet tal-proċess lill-Ewwel Onorabbli Qorti, sabiex il-kawża terġa tiġi deċiża mill-ġdid;

In vista taċ-ċirkustanzi tal-każ, l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa; iżda d-dritt tar-reġistru jkun għak-kariku tar-rikorrent appellat.